MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 731/1982/1

**Godfrey Grima f'isem *Penprint Company Limited***

***Versus***

**Pierre Balzan Demajo f'isem *M. Demajo (Graphic Arts) Limited***

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex għad-danni għax tgħid illi s-soċjetà konvenuta bigħetilha apparat li kien difettuż.

2. L-attriċi fissret illi l-konvenuta kienet bigħetilha *phototypesetter* tal-marka *Compu-graphic 7700* li, ftit wara l-konsenja, ma setgħetx taħdem għal xhur sħaħ għax żviluppat diversi difetti tekniċi. Il-konvenuta, għalkemm imsejħa kemm-il darba biex tbiddel jew issewwi l-makna, damet żmien twil biex sewwietha.

3. Kompliet tfisser illi, minħabba f'hekk, ġarrbet danni għax ix-xogħol ta' *photo-typesetting* kien neċessarju u urġenti u l-attriċi kellha tagħmlu għand ħaddieħor bi ħlas ta' ħamest elef, tliet mija u ħamsa u ħamsin lira u għaxar

ċenteżmi (Lm5,355.10), daqs tnax-il elf, erba’ mija u erbgħa u sebgħin euro u tliet ċenteżmi (€12,474.03). L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

i. tgħid illi s-soċjetà attriċi ġarrbet danni bi ħtija tan-nuqqasijiet tas-soċjetà konvenuta; u

ii. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi dik is-somma li tiġi likwidata bħala danni, flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji,fosthom dawk ta’ mandat ta’ sekwestru maħruġ fid-9 ta’ Ġunju 1982.

4. Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

i. l-azzjoni attriċi saret ħażin u ma tiswiex – il-konvenuta irrinunzjat għal din l-eċċezzjoni fid-29 ta’ Marzu 1983;

ii. il-makna ġiet konsenjata lill-attriċi fi stat tajjeb u ma żviluppat ebda difett tekniku; u

iii. f’kull każ il-konvenuta ma tweġibx għad-danni, kif igħid u jrid l-art. 1479 tal-Kodiċi Ċivili.

5. Billi kienet teħtieġ għajnuna minħabba n-natura teknika tal-każ, il-qorti b’dikriet tal-14 ta’ Novembru 1984 u b’dikriet ieħor tal-21 ta’ Novembru 1990 ħatret espert legali u espert tekniku u dawn ħalfu r-rapport tagħhom tat-18 ta’ April 1996. Fuq talba tas-soċjetà attriċi l-qorti, b’dikrieti tas-6 ta’ Diċembru 1996, tat-18 ta’ Mejju 2000 u tat-30 ta’ Mejju 2002 ħatret periti addizzjonali, u dawn ħalfu r-rapport tagħhom fis-6 u fil-11 ta’ Diċembru 2007. Is-soċjetà attriċi għamlet mistoqsijiet għall-eskussjoni tal-periti addizzjonali u dawn ippreżentaw it-tweġibiet tagħhom fl-24 ta’ April 2009.

6. Mix-xiehda ħareġ illi l-makna tħaddmet fl-istabbiliment tas-soċjetà konvenuta qabel ma ġiet konsenjata lill-attriċi u ħadmet sew. Meta ttieħdet għand l-attriċi, iżda, ma bagħetx taħdem sew għalkemm eventwalment issiewwiet. L-esperti tekniċi sabu illi l-ħsarat li kellha l-mekna kienu kemm mekkaniċi – f’*shaft*, f’*pulley* u fi priżma – u kemm elettroniċi, għax inħarqu xi *printed circuit boards*.

7. L-esperti kollha kienu tal-fehma illi l-ħsarat ġraw għax għand l-attriċi l-makna ma kinitx miżmuma sew u tħaddmet f’ambjent fiżiku u elettriku li ma kienx tajjeb għal apparat delikat. Biex tinġarr il-makna hija meħtieġa attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-komponenti

tagħha, iżda meta nġarret minn post għal ieħor minn ħaddiema tal-attriċi ma tteħdux dawn il-prekawzjonijiet. Jidher ukoll illi dawk imqabbda mill-attriċi biex iħaddmu l-makna ma kinux imħarrġa sew u ma kinux jieħdu ħsieb jagħmlu operazzjonijiet – bħal ma hu tindif regolari – li huma meħtieġa biex il-makna tinżamm fi stat tajjeb.

8. Barra minn hekk il-makna tqiegħdet f'ambjent ta' trab li jagħmel ħsara għall-komponenti tagħha, li jeħtieġu ambjent nadif u klimatizzat. Huwa meħtieġ ukoll illi l-makna jkollha provvista elettrika għaliha biex ikollha kurrent "nadif" u stabbli; għand l-attriċi, iżda, kienet tieħu l-kurrent minn *multiple plug* li minnu kienu jieħdu l-kurrent ukoll radju u tubu tad-dawl, u dawn kienu joħolqu flutwazzjonijiet fil-kurrent li jagħmlu ħsara lill-komponenti elettroniċi.

9. It-tekniċi tal-konvenuta kienu għarrfu lid-diriġenti tal-attriċi dwar il-kondizzjonijiet meħtieġa biex il-makna il-makna taħdem u tibqa' taħdem sew iżda jidher illi l-attriċi damet ma ħadet ħsieb biex twettaq dawn il-kondizzjonijiet. Meta eventwalment il-makna ttieħdet f'ambjent nadif bi provvista elettrika għaliha, bdiet taħdem sew, u dan juri illi d-difett ma kienx fil-makna nfisha iżda fl-ambjent li fih kienet tinżamm u fil-mod kif kienet titħaddem.

10. Kien għalhekk illi l-esperti kollha kienu tal-fehma illi "l-makna ġiet ikkonsenjata sew mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi; il-mankamenti irriżultaw sussegwentement u huma attribwibbli mhux lis-soċjetà konvenuta iżda lis-soċjetà attriċi". Il-qorti taqbel ma' din il-konklużjoni li hija msaħħa mill-fatti li irriżultaw mix-xiehda. Għalhekk, it-talbiet tal-attriċi biex il-qorti tgħid illi kien bi ħtija ta' nuqqasijiet tal-konvenuta illi seħħet il-ħsara u biex tillikwida d-danni ma jistgħux jintlaqgħu.

11. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------